

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.5480 – Deutsche Bahn/PCC Logistics)
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)
(2009/C 114/08)

1. Fil-5 ta' Mejju 2009, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Deutsche Bahn Mobility Logistics AG (il-Ġermanja), li hi proprjetà tad-Deutsche Bahn AG (il-Ġermanja) għandha ħsieb lli takkwista l-kontroll skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill tal-operazzjonijiet loġistiċi Pollakki mmexxija mill-impriżi PCC Rail S.A., PCC Rail Rybnik S.A. u Trawipol Sp. (flimkien il-PCC Logistics, il-Polonja) li kollha huma proprjetà tal-PCC SE (il-Ġermanja) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-aktivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Deutsche Bahn AG: it-trasport tal-passiġġieri, l-ispedizzjoni tal-merkanzija u l-loġistika (inkluż it-trasport tal-merkanzija) u servizzi anċillari,
- PCC Logistics: servizzi ta' loġistika għat-trasport bil-ferrovija u l-ispedizzjoni tal-merkanzija u l-loġistika (inkluż it-trasport tal-merkanzija speċjalment fil-Polonja).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikkazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 2 2964301 jew 2967244) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5480 – Deutsche Bahn/PCC Logistics, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
 Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
 Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
 J-70
 1049 Bruxelles/Brussel
 BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.